Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1750

21.7.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1750

tal-20 ta' Lulju 2026

dwar l-istandards armonizzati EN 17476:2021 dwar apparati bi pressjoni tal-fwar tal-LPG li jinkorporaw skartoċċ orizzontali fix-xaża u EN 497:2022 dwar berners tal-gass b'diversi skopijiet u għal użu fuq barra, abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir u l-fittings manifatturati f'konformità ma' standard armonizzat, li r-referenza għalih tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iridu jitqiesu konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dak l-istandard armonizzat.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 4789 ([3]), il-Kummissjoni ressqet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati eżistenti abbozzati abbażi tal-mandat ta' standardizzazzjoni M/BC/CEN/06-89 tad-29 ta' April 1990 biex ikun żgurat li dawn jibqgħu jirriflettu l-aktar avvanzi tekniċi ġeneralment rikonoxxuti ħalli jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426.

(3) Abbażi ta' din it-talba, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandards armonizzati EN 497:2022 dwar l-ispeċifikazzjoni għall-apparati apposta li jaħdmu bil-gass likwifikat miż-żejt – berners tal-gass b'diversi skopijiet u għal użu fuq barra – Kontenituri tat-tisjir b'dijametru akbar minn 300 mm u EN 17476:2021 dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-apparati apposta tal-LPG – apparati bi pressjoni tal-fwar tal-LPG li jinkorporaw skartoċċ orizzontali fix-xaża kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022. Ir-referenzi ta' dawk l-istandards ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Fit-30 ta' Jannar 2023, l-Iżvezja ssottomettiet oġġezzjoni formali f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 kontra l-istandard armonizzat EN 17476:2021 kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022. L-Iżvezja ddikjarat li l-istandard armonizzat ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tal-punti 1.1, 1.4 u 3.4.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426 għax l-istandard ma fih l-ebda rekwiżit li jiżgura li l-apparat tal-gass jaħdem b'mod sikur meta jintuża f'temperatura baxxa u meta jintuża fuq wiċċ daqsxejn imxaqleb. L-Iżvezja argumentat li għal apparat tal-gass maħsub biex jintuża fuq barra biex isaħħan, dak l-użu hu raġonevolment mistenni jkun previst u jenħtieġ li jitqies bħala normali.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/426/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2023 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika rigward it-tagħmir u l-fittings tal-gass b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(5) Fit-13 ta' Marzu 2023, il-Ġermanja sottomettiet oġġezzjoni formali f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 kontra l-istandard armonizzat EN 17476:2021 kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022. Il-Ġermanja argumentat li l-istandard armonizzat ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tal-punti 1.1, 1.2, 1.3a), 1.4, 2 u 3.2.2. tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426. Skont il-Ġermanja, l-istandard ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar ir-rekwiżiti meħtieġa għat-tħaddim tal-apparati ta' aġġustament biex jinterrompu l-provvista tal-gass ħalli jintfew il-fjammi, u għalhekk l-apparati ma jaħdmux b'mod sikur skont il-punt 1.1 ta' dak l-Anness. Barra minn hekk, il-Ġermanja ddikjarat li, wara t-tindif tal-apparati, jaf jiġri wkoll li l-partijiet differenti jitqiegħdu lura f'posthom b'mod skorrett, u dan jikkaġuna riskji addizzjonali li ma ġewx previsti f'dak l-istandard armonizzat. Barra minn hekk, peress li l-istandard armonizzat ma fihx rekwiżit għal apparat tas-superviżjoni tal-fjammi għall-apparati li mhumiex ħiters, jekk l-apparati jintużaw bil-kontra ta' kif inhuma maħsuba biex jintużaw, jistgħu jinħolqu riskji ta' flussi mifruxa tal-gass u difetti fil-ventilazzjoni. Il-Ġermanja ssostni li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn immarkar stampat u immarkar imwaħħal, li potenzjalment iwassal għal riskju ta' ħsara jew telf tal-immarkar u b'hekk ma jirrispettax il-punt 2 ta' dak l-Anness. Fl-aħħar nett, il-Ġermanja targumenta li l-berner u l-kapsola tal-iskartoċċ tal-gass jenħtieġ li jkunu mgħottijin biex ir-radjazzjoni tal-ogħla temperatura possibbli waqt it-tħaddim ma toħloqx kundizzjonijiet perikoluż, fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali fil-punt 1.3.a) ta' dak l-Anness.

(6) L-oġġezzjonijiet formali sottomessi mill-Iżvezja u mill-Ġermanja ġew diskussi mill-Kumitat dwar l-Apparati fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2025.

(7) Wara li eżaminat l-istandard EN 17476:2021 kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022, flimkien mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat għall-Applikazzjonijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard armonizzat jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.3a), 1.4, 2, 3.2.2 u 3.4.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426.

(8) Fit-12 ta' April 2023, il-Ġermanja sottomettiet oġġezzjoni formali f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 kontra l-istandard armonizzat EN 497:2022. Il-Ġermanja spjegat li l-istandard armonizzat ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tal-punti 1.1, 1.3, 1.4, 3.2.2 u 3.2.3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426 għax l-istandard ma fih l-ebda rekwiżit għal apparat tas-superviżjoni tal-fjamma u għalhekk il-gass rilaxxat fi kwalunkwe stadju tat-tħaddim mhuwiex limitat biex tkun evitata akkumulazzjoni perikoluża ta' gass mhux maħruq fl-apparat. In-nuqqas ta' apparat tas-superviżjoni tal-fjamma jista' jwassal biex il-gass ikompli jnixxi anki wara li tintefa l-fjamma, jew jekk il-gass jinxteħel u jibda jnixxi u fl-istess ħin il-fjamma ma tkunx inxteħlet minnufih, jista' jkun hemm akkumulazzjoni ta' gass li jista' jisplodi meta mbagħad tiġi biex tinxteħel il-fjamma, u possibbilment jikkaġuna ħruq.

(9) L-oġġezzjoni formali sottomessa mill-Ġermanja ġiet diskussa fil-Kumitat dwar l-Apparati waqt il-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2025.

(10) Wara li eżaminat l-istandard EN 497:2022, flimkien mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat dwar l-Apparati, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard armonizzat jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punti 1.1, 1.3, 1.4, 3.2.2 u 3.2.3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/426.

(11) Għaldaqstant, ir-referenzi għall-istandards armonizzati EN 17476:2021 kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022, u EN 497:2022, jenħtieġ li ma jiġux ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni b'dan tiddeċiedi li ma tippubblikax ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 17476:2021 kif emendat b'EN 17476:2021/A1:2022 u EN 497:2022 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN